MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Numru. 98/2012

**SPETTUR MAURICE CURMI**
**VS**
**ALBERT CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Albert Camilleri ta' 61 sena, bin Vincent u Josephine nee' Petroni, mwieled Gzira fit- 23 ta' Ottubru 1951, residenti 5 Deange, Triq Desguanez, San Pawl il- Bahar u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 839851M;

Talli ;
1) F' Jannar 2012 u fix- xhur ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiskru l- istess disposizzjonijiet tal- ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, ircieva minnghand Emily Muscat detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 219862M xi weghda li jinghata lilu, jew lil ohrajn, b' korrispettiv ghal xi

self, imghaxijiet, jew xi qliegh iehro taht liema ghamla li jkun b' eccess minn dak li jkun permess il- ligi;
2) Aktar talli sar recidiv b' sentenza moghtija mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) datata 4 ta' Dicembru 2007 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 18, 298, 49 u 50 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------